MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 235/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-esponenti izzewget f'Malta fil-knisja ta' San Bastjan, Qormi, Malta nhar it-30 ta' Awissu 1997 ;
2. Illi dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku att numru 1463/1997 b'kopja tac-certifikat anness u mmarkat Dok. A ;
3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied D, E, u F li huma kollha minorenni ;
4. Illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u l-partijiet kienu gew debitament separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ta' nhar l-20 ta' Lulju 2007 kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok B ;

5. Illi ghalhekk l-esponenti ilhom separati legalment ghal aktar minn erba’ (4) snin ;
6. Illi ma hemmx possibilita’ li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw ;
7. Illi m’hemmx kwistjonijiet ta manteniment ;
8. Illi ghalhekk ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-Ligi ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-30 ta’ Awissu 1997 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt ;
b) Tordna li s-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-Ligi ;
c) Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrila opportun u xieraq ;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota tar-rikorrenti li permezz taghha talbet illi tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe’ ghal kunjom Z;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------